**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 t' April, 2019**

**Talba Nru: 492/2018 PM1**

**Tas-Sellum Administration Company Limited (C36436)**

**Vs**

**Andre` Verhofstadt (passaport Belgjan numru E1754869) u skont digriet datat 4 ta' Frar, 2019 gie mahtur kuratur Dr. Simon Micallef Stafrace.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hmistax (15) ta' Ottubru, 2018 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' elfejn hames mija u sebgha u tmenin euro u sitta u ghoxrin centezmi (€2587.26) kwantu ghas-somma ta' elfejn erba' mija u tlieta u ghoxrin euro u erba' centezmi (€2423.04) rapprezentanti l-prezz ta' *Common Costs* ghas-snin 2016 u 2018 dovut mill-konvenut fir-rigward tal-appartament tal-istess konvenut bin-numru 221, Tas-Sellum Residence, Mellieha u dana

skont ma jirrizulta mill-prospett anness mal-avviz tat-talba (Dok. 'A'); kwantu ghas-somma ta' tmienja u tmenin euro (€88) rapprezentanti l-kontribuzzjoni dovuta mill-intimat fir-rigward tas-*sinking fund* in konnessjoni mal-istess appartament 221, Tas-Sellum Residence, Mellieha ghas-sena 2018 u dana skont ma jirrizulta mill-prospett anness mal-avviz tat-talba (Dok. 'B') u kwantu ghas-somma ta' sitta u sebghin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€76.22) rapprezentanti prezz ta' *common costs* ghas-snin 2016 u 2018 dovuti mill-konvenut fir-rigward tal-*Garage Parking Space* tal-istess konvenut bin-numru 105 li jinsab fil-Garage Complex fi hdan Tas-Sellum Residence, Mellieha u dana skont ma jirrizulta mill-prospett anness mal-avviz tat-talba (Dok. 'C'), bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess konvenut.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba senjatament il-fatturi li ssir referenza ghalihom fl-avviz u t-traduzzjoni tal-istess avviz.

Ra li saru tentattivi ta' notifika tas-socjeta` intimata fl-indirizz tieghu barra minn Malta imma dawn kellhom ezitu negattiv.

Ra li waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar, 2019 ir-rappresentant legali tas-socjeta` attrici, in vista ta' tali referti negattivi relattivi ghall-intimat, talbet il-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat assenti mill-gzejjer Maltin u li l-ahhar residenza tieghu, f'dan l-istadju, ma kienx maghruf.

Ra li waqt l-istess seduta it-Tribunal laqa' t-talba.

Ra illi, permezz ta' digriet datat 4 ta' Frar, 2019, gie nominat Dr. Simon Micallef Stafrace bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenut assenti fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Ra illi Dr. Simon Micallef Stafrace gie notifikat fil-kwalita` tieghu ta' kuratur fid-29 ta' Marzu, 2019.

Ra li l-intimat baqa’ ma ressaq ebda risposta ghat-talba attrici la personalment u lanqas tramite l-kuratur deputat u lanqas ma deher ghal ebda wahda mis-seduti li saru.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tas-26 t’April, 2019 b’dana illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat tramite kuraturi deputati l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti kollha iffissati u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici fis-seduta tas-26 t’April, 2019.

Fi-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tat-talba odjerna stante li l-kreditu m’huwiex wiehed kummercjali imma merament civili a tenur tal-art. 1141 tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ elfejn hames mija u sebgha u tmenin euro u sitta u ghoxrin centezmi (€2587.26) kwantu ghas-somma ta’ elfejn erba’ mija u tlieta u ghoxrin euro u erba’ centezmi (€2423.04) rapprezentanti l-prezz ta’ *Common Costs* ghas-snin 2016 u 2018 dovut mill-konvenut fir-rigward tal-appartament tal-istess konvenut bin-numru 221, Tas-Sellum Residence, Mellieha; kwantu ghas-somma ta’ tmienja u tmenin euro (€88) rapprezentanti l-kontribuzzjoni dovuta mill-intimat fir-rigward tas-*sinking*

*fund* in konnessjoni mal-istess appartament 221, Tas-Sellum Residence, Mellieha ghas-sena 2018 u kwantu ghas-somma ta' sitta u sebghin euro u tnejn u ghoxrin centezmi (€76.22) rapprezentanti prezz ta' *common costs* ghas-snin 2016 u 2018 dovuti mill-konvenut fir-rigward tal-*Garage Parking Space* tal-istess konvenut bin-numru 105 li jinsab fil-Garage Complex fi hdan Tas-Sellum Residence, Mellieha, bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Marzu, 2019 u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**